**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 25 – IT-TLIETA, 21 TA' AWWISSU 2012 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Janet Barthet | Membru |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Minuti Numru 24**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-*Chairman* ikkumenta li hemm bżonn ta' aktar attenzjoni mill-kennies fi Triq il-Ġojjin.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Rigward il-proġett ta' TM għall-*Kappara Junction*, il-Kumitat iddeċieda li għandu iżomm il-pożizzjoni favur *Option B* minħabba li hija l-*option* li l-inqas tagħmel impatt fuq il-Kappara. Il-*Flyover* proposta se tkun il-bogħod mid-djar tar-residenti.

3.2 Is-Sinjorina Janet Barthet ipproponiet li jsiru ix-xogħlijiet ta' żebgħa biex jiżżejjen il-Ġnien G M Camilleri fil-Kappara. Is-Sur Alfred Mangion issekonda. Kien hemm 4 favur u 1 astensjoni.

3.3 Rigward il-linji s-sofor quddiem il-VeggieMania, għandha tintbagħat ittra lil TM biex niġbdu l-attenzjoni ta' TM li t-talba għal *loading/unloading* ma kinietx tal-Kumitat, u biex nikkonfermaw jekk il-linji eżistenti humiex bil-permess.

3.4 Għandha tiġi stabbilita jekk ir-*reserved parking* fi Triq tas-Sliema hijiex bil-permess jew le.

3.5 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward it-talba biex Triq il-Gardell tiġi *Oneway*.

3.6 Saret diskussjoni rigward it-talba biex isir *parking* fi Triq tas-Sliema fejn hemm il-bankina wiesgħa. Saret deċiżjoni li għalissa ma jsir xejn qabel ma' jiġi stabbilit xogħol x'ser isir f'din it-triq meta jsir il-proġett tal-*Kappara Junction*.

3.7 Saret diskussjoni rigward it-tappiera li jinsabu fi Triq tas-Sliema u Triq Birkirkara. Għandha tinbagħat ittra lil WSC biex dawn it-tappieri jiġu rranġati biex ma jibqgħux jagħmlu l-istorbju meta jgħaddu minn fuqhom il-karrozzi.

3.8 Għandha tintalab direzzjoni minn TM rigward jekk hemmx bżonn *floodlighting* fiż-*zebra crossing* fi Triq Birkirkara.

3.9 Ġie deċiż li jsiru *directional signs* fi Triq Wied Għollieqa quddiem il-*Kappara Hotel*.

3.10 Għandhom jinbidlu t-tabelli *Dead End* fi triq il-Falkun u fi Triq is-Summien.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.15pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru 2012 fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**